Rotta 2

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2014**

## IR-RABA' SENA L-ISTORJA (OPTION) L-ISKEMA TAL-MARKI

## L-Istorja ta' Malta

1.1.1 il-Gvern Ingliż (1)
1.1.2 Agħti marki għal tweġibiet bħal: inħarsu biċ-ċiera lejn il-barranin li qegħdin jaħkmuna *jew* inġiegħlu lil min qiegħed jaħqarna u jisraqna jroddilna ħwejjiġna (2)
1.2 Aċċetta tweġibiet bħal: Artikli bħal dan kienu qed ixewxu lill-Maltin. (2)
1.3 Aċċetta żewġ tweġibiet minn fost: l-għoli fil-prezz tal-ħobż; differenza fil-pagi bejn ħaddiema Maltin u ħaddiema Ingliżi; ħaddiema Maltin spiċċaw bla xogħol wara l-Ewwel Gwerra Dinjija; żieda fit-taxxi; ix-xewqa għall-kostituzzjoni ġdida (2)
1.4 fil-Belt Valletta (1)
1.5 Aċċetta żewġ tweġibiet minn fost: sussidju fuq jew traħħis fil-prezz tal-ħobż; saret inkjesta dwar
l-irvellijiet; ma setgħux isiru meetings pubbliċi; iddaħħlet iċ-ċensura fuq il-gazzetti (2)
**(Total: 10 marki)**

2.1 Mauro Caruana (1)
2.2 Prim Ministru ta' Malta, *Constitutional Party* (2)
2.3.1 lill-Kattoliċi Maltin (1)
2.3.2 li Strickland ammetta l-ħtija fil-kwistjoni politiko-reliġjuża tas-snin tletin (2)
2.4 Il-Knisja f'Malta kienet qed tħossha mhedda minn Strickland. (2)
2.5 Il-Knisja qalet lill-votanti sabiex ma jivvutawx lill-partit ta' Strickland u lill-Partit Laburista u li min jagħmel hekk ikun qed jagħmel dnub mejjet. (2)
**(Total: 10 marki)**

3.1 Sors D (1)
3.2.1 fejn jidħlu vapuri għall-kenn, għat-tiswija, għall-ħatt ta' tagħbija u merkanzija (1)
3.2.2 fejn jissewwew il-vapuri (1)
3.2.3 bastiment li jaħdem bil-magni tal-istim (1)
3.3 Agħti marki għal kull tweġiba: iż-żieda ta' bastimenti li bdew jaslu f'Malta u l-iżvilupp tal-vapuri tal-istim (2)
3.4 Aċċetta żewġ tweġibiet minn fost: il-gwerer Napoljoniċi; l-Imblokk Kontinentali; il-Gwerra ta' Krimea; l-Ewwel Gwerra Dinjija; it-Tieni Gwerra Dinjija (2)
3.5 fil-Port il-Kbir (1)
3.6 il-bini tal-breakwater fid-daħla tal-Port il-Kbir (1)
**(Total: 10 marki)**

4. L-istudenti għandhom juru għarfien ta' fatti u kunċetti storiċi. Għandhom ikunu kapaċi jinterpretaw il-fatti f'relazzjoni mal-mistoqsija u juru sens ta' empatija. Għandhom ukoll juru ħila fil-kitba kostruttiva u analitika. Għalkemm hu mistenni li juru użu tajjeb tal-lingwa, żbalji fl-ortografija m'għadhomx jiġu penalizzati.
**(Total: 20 marka)**

## L-Istorja Internazzjonali

5.1 beda jittella' aktar faħam mill-minjieri (1)
5.2 James Watt (1)
5.3 ħadid jew azzar (1)
5.4 Agħti marki għal tweġiba bħal: bosta fabbriki u djar bdew jinbnew fejn kien hemm il-minjieri tal-faħam sabiex ikunu qrib fejn jinqata' l-faħam u ma jkunx hemm bżonn li l-faħam jinġarr distanzi twal sal-fabbrika (2)
5.5 Aċċetta tweġibiet bħal: tfal jaħdmu fil-minjieri tal-faħam; magni tal-istim, irġiel jitfgħu l-faħam fil-fran (1)
5.6 tfal, minħabba li ċ-ċokon tagħhom kien jippermetti li jidħlu fil-minjieri tal-faħam (2)
5.7 Aċċetta żewġ tweġibiet minn fost: l-ivjaġġar sar aktar effiċjenti, in-nies bdew imorru għax-xogħol aktar fil-ħin; sar aktar faċli li tinġarr il-merkanzija; ma kienx hemm għalfejn li n-nies jgħixu fl-ibliet sabiex ikunu qrib il-fabbriki iżda bdew jgħixu fis-subborgi għax setgħu jmorru għax-xogħol bil-ferrovija (2)

**(Total: 10 marki)**

6.1 kien korrott u kien sottomess għall-Ingilterra (2)
6.2 Louis Philippe (1)
6.3 kienu qed iseħħu rivoluzzjonijiet (1)
6.4 ir-re kien qed jitpenġa bħala lanġasa fil-karikaturi (1)
6.5 In-nies ta' Franza xebgħu mit-tmexxija tar-re u kien ser jitlef l-poter li kellu fi Franza. (2)
6.6 is-Soċjalisti u l-Bonapartisti (2)
6.7 Franza ma baqgħetx titmexxa minn re u saret Repubblika. (1)

**(Total: 10 marki)**

7.1 Kien hemm 6,000,000 persuna bla xogħol. (1)
7.2 Agħti marka għal tweġibiet minn: il-Ġermanja kellha taċċetta t-tort tal-gwerra; il-Ġermanja kellha tnaqqas l-armata; il-kolonji tal-Ġermanja jsiru tal-Ingilterra, Franza u oħrajn; il-Ġermanja ma setgħetx tingħaqad mal-Awstrija; is-Saarland issir tal-League of Nations sal-1935; il-Ġermanja tħallas ir-*reparations*; il-Ġermanja tneħħi s-suldati u l-armamenti mir-Rhineland; Alsace-Lorraine terġa' tgħaddi għand Franza (1)
7.3 Hitler kien kelliem kapaċi. (1)
7.4 Nażiżmu (1)
7.5 il-Lhud u l-Komunisti (2)
7.6 L-awtur ried juri li Hitler ried jirbaħ kemm jista' artijiet. (2)
7.7 L-awtur kien kontra Hitler għax mill-mod kif qed jiggranfa mal-globu juri li Hitler ried jirbaħ id-dinja kollha. Mill-kliem li hemm taħt l-istampa l-awtur jgħid b'mod sarkastiku li l-Ġermanja ma kinitx ser tiġi attakkata mill-ebda naħa peress li kienet qed tirbaħ lil kulħadd. (2)

**(Total: 10 marki)**

8. L-istudenti għandhom juru għarfien ta' fatti u kunċetti storiċi. Għandhom ikunu kapaċi jinterpretaw il-fatti f'relazzjoni mal-mistoqsija u juru sens ta' empatija. Għandhom ukoll juru ħila fil-kitba kostruttiva u analitika. Għalkemm hu mistenni li juru użu tajjeb tal-lingwa, żbalji fl-ortografija m'għadhomx jiġu penalizzati.

**(Total: 20 marka)**